# Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)
## Ġenju mużikali f'qalb il-baned Maltin ta' żmienu
### Mija u ħamsin sena minn twelidu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Wieħed mill-ħafna kompożituri Maltin u barranin li taw kontribut sostanzjali fit-tixrid tal-arti anġelika tal-mużika f'pajjiżna huwa bla dubju ta' xejn Mro. Antonio Miruzzi. Ismu huwa aktar marbut mal-baned peress li kellu għadd kbir minnhom taħt idejh u kien jikteb ħafna mużika sabiħa u tal-widna għalihom. Huwa kważi impossibli li ssib banda Maltija li fl-arkivju tagħha m'għandhiex xi xogħol minn tiegħu. Hawn saħansitra baned li għadhom igawdu mill-kompożizzjonijiet tiegħu billi ta' kull sena jdoqqu xi innu żgħir jew kbir minn tiegħu, jonkella xi marċ funebri li fihom kien tabilħaqq jeċċella. Għaldaqstant, permezz ta' dan l-artiklu, l-Għaqda Marija Bambina, Banda Vittorja, qed tingħaqad flimkien mal-kumplament tal-baned biex hi wkoll issellem il-ġenju ta' dan is-surmast Malti fl-okkażjoni ta' għeluq il-150 sena minn twelidu.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Innu Solenni, Innu *di Gloria*, Innu Kbir, Innu Tifħir, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Karriera mużikali: Mro. Antonio Miruzzi, twieled il-Furjana fl-10 ta' Ottubru 1867 minn Ġużeppi u Mikelina, imwielda Brincat. Ta' sitt snin daħal fl-orfanatrofju tal-Belt wara li safa ltim. Tgħallem it-teorija, il-pjanu u strumenti oħra mingħand iz-ziju Paolo li kien surmast-direttur tal-Banda 'La Valette'. Id-direttur tal-orfni nduna bit-talent mużikali tiegħu, u bagħtu jissokta bl-istudji f'konservatorju Taljan meta kellu biss sbatax-il sena. Hemmhekk, hu tħarreġ sew kif għandu jikteb fl-istili tal-aqwa kompożituri Romantiċi Taljani fosthom, Giuseppe Verdi. Wara li temm l-istudji tiegħu kien tħajjar jimbarka fuq vapur navali biex jilħaq *bandmaster* iżda l-ħsieb tiegħu ma rnexxiex. Minflok mar Tuneż flimkien ma' martu Konċetta, imwielda Cauchi, biex waqqaf banda fuq talba tal-Maltin t'hemmhekk stess. Wara sitt snin f'art barranija, il-koppja Miruzzi kellha tinżel lura Malta minħabba xi mard. Kien hawn li, Mro. Miruzzi ddeċieda li jibni l-karriera mużikali tiegħu mal-baned Maltin.

Fl-1890 inħatar *Maestro Istruttore* biex jibda jgħallem lill-allievi fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette'. Fl-istess sena ħa f'idejh il-baned *'La Vincitrice'* (Isla) u *'Leone'* (Victoria, Għawdex). Iżda, ma' dawn ma damx wisq. Mill-1894 'il quddiem imbagħad, insibuh jieħu banda wara l-oħra u li magħhom bena karriera twila ta' 'l fuq minn erbgħin sena. Dawn kienu jinkludu: '*La Valette*' (Valletta) – magħha dam biss ftit xhur bħala aġent-direttur, '*I Cavalieri di Malta*' (Sliema) – li mbagħad kienet sfaxxat fil-bidu tas-seklu għoxrin, 'San Piju X' (Ħal Lija) – fejn kellu l-inkarigu li l-ewwel jittrasforma s-*Soċjetà Mandolinistika 'Fior d'Arancio'* f'banda formali, Sant' Andrija' (Ħal-Luqa) – hawn ukoll kien indaħal għall-inkarigu biex jerġa' jirriforma l-banda, 'San Ġużepp' (Ħamrun) – l-aktar banda li dam magħha bħala surmast, kif ukoll, il-Banda 'Beland' (Żejtun) – l-aħħar banda li kellu qabel

irtira bil-pensjoni. Baned oħra li kienu taħt idejh huma s-soċjetajiet filarmoniċi '*Sta. Marija*' (Mosta) u '*San Ġorġ*' (Bormla), u dik tal-Orfni tal-Gvern fl-1910 meta kellu diġà 'il fuq minn erbgħin sena. Mhux hekk biss, talli seba' snin wara laħaq ukoll direttur tal-istess orfanatrofju fejn aktar minn erbgħin sena qabel kien qatta' tfulita ma' tfal iltiema bħalu! Miet fit-23 ta' Ottubru 1944 fil-Ħamrun fejn kien jgħix u ħalla jibku t-telfa tiegħu lil martu u t-tlitt uliedu. Kien sarlu funeral kbir li għalih attendew folol kbar li lkoll ġew biex jagħtu l-aħħar tislima lil dan l-kompożitur Malti li ta ħajtu għall-mużika.



Kompożizzjonijiet: Huwa impossibli hawnhekk li wieħed joqgħod jelenka x-xogħlijiet kollha li ħarġu bħax-xita mill-pinna prolifika u versatili ta' Mro. Miruzzi. Dawn jammontaw għal għexieren kbar, jekk mhux ukoll, ftit mijiet. Sfortunatament, ħafna minnhom intilfu bħalma ġara mil-*lieder* ta' Schubert. Oħrajn spiċċaw maqfulin wara l-ħġieġ tal-arkivji bla ebda ħjiel li xi darba għad jerġgħu jinħarġu biex jindaqqu. Din hija ħasra, għax ix-xogħlijiet tiegħu kollha għandhom valur kbir ħafna u huma turija ta' 'ħila artistika, ta' storja soċjali u reliġjuża, u ta' kultura mużikali.'[1] Hawn taħt ser nitkellem biss fuq dawk ix-xogħlijiet li għadhom jindaqqu ta' kull sena minn ċerti baned fil-festi rispettivi tagħhom.

Soċjetà Filarmonica 'Nicolò Isouard' tal-Mosta: Innu Solenni *Alla Beata Maria Vergine*:

Skont Mro. Stephen Dimech, il-versi bit-Taljan ta' dan l-Innu *di Gloria* huma ta' Dun Agostino Azzopardi[2] (1855-1922). Dan il-qassis Mosti kien ippubblika xi poeżiji fi ktejjeb li jġib l-isem ta' *Armonie Poetiche* (1910) li minnu Mro. Miruzzi seta' faċilment jislet diversi strofi minn diversi poeżiji biex użahom meta ġie biex jikkompona l-innu. L-Innu nkiteb f'xi żmien qabel l-1910 meta mbagħad, is-Soċjetà għaddiet f'idejn Mro. Ferdinand Camilleri. Mill-banda l-oħra, skont Joseph Mifsud Matrenza, l-istorjografu tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża, l-Innu Solenni '*Alla Beata Maria Vergine*' kien l-ewwel kapolavur tiegħu ta' din ix-xorta.[3] Skontu wkoll, dan l-innu hu 'mimli melodija u armonija.'[4]



Minbarra l-innu *di Gloria*, hu ħallhiela wkoll, l-'Innu Nicolò Isouard' (innu tal-banda), l-'Omaggio Nicolò Isouard' (*marcia sinfonica*), u 'O Del Cielo Regina' (1897) (*marcia religiosa*). Dan l-innu jinsab kemm għandhom kif ukoll għand l-Għaqda Karmelitana Banda 'Queen Victoria' taż-Żurrieq. Fil-każ ta' din tal-aħħar, Mro. Miruzzi seta' kellu xi forma ta' kuntatt magħha lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu li għadda. Infatti, fl-arkivju nstabu għadd ta' xogħlijiet magħdudin bħala 'żgħar' minn tiegħu fosthom, xi marċi brijużi u funebri, kif ukoll dan l-'Innu ż-Żgħir'. Teżisti dokumentazzjoni li tgħid ċar u tond li, għall-okkażjoni tal-miġja tal-vara mill-ewwel restawr tagħha fl-1925 kien iżżanżan sett ta' marċi proċessjonali. Dan l-innu baqa' jindaqq kull sena malli l-vara tiddawwar mal-misraħ, u qabel jibda l-'Innu l-Kbir' tas-Surmast Bartoli. L-istess innu jindaqq ukoll mill-banda Żurriqija f'okkażjonijiet rari imma speċjali bħal meta l-vara tal-Madonna tal-Karmnu tkun intbagħtet għal xi restawr. L-eqdem dokument li għandna f'idejna tiegħu jinsab f'rapport li kien deher fil-ħarġa tal-ġurnal 'Il-Veru Mannarinu' tal-1897. Skontu, l-innu popolari '*O Del Cielo Regina*' kien

[1]Mifsud Matrenza Joseph: 'Maestro Antonio Miruzzi'. Ktieb tal-festa Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' 1994, pġ. 235–247.
[2] Magħruf fost il-Mostin bħala l-'Poeta tal-Innijiet ta' Santa Marija.' Huwa twieled il-Mosta fl-1855 u ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1881. Miet ta' 77 sena wara snin twal ta' ħidma pastorali. Dun Wistin jibqa' magħruf għall-pinna li kellu u għall-karità kbira li kien jagħmel ma' min kien ikun fil-bżonn. Hu kien jiġi ħu Giovanni (jew Ġanni) Azzopardi li, fl-1869 kien l-ewwel għalliem tal-mużika, surmast u wieħed mill-fundaturi tal-ewwel banda Mostija.
[3] Ibid. 1.
[4] Idem.

iżżanżan fil-festa ta' Santa Marija fil-Mosta proprju f'dik l-istess sena. L-isem oriġinali tiegħu kien *Marcia Santa Maria*. Maż-żmien iżda, bidel ismu għal '*O Del Cielo Regina*' peress li jiftaħ proprju b'dawn l-erba' kelmiet bit-Taljan. Fl-istess ġurnal tal-1897 insibu wkoll li, l-innu l-'ġdid' kienu kantawh kor puerili flimkien mal-banda Mostija.

Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' tal-Ħamrun: Innu Solenni lil San Gejtanu:




Dan il-kapolavur inkiteb għal Tenur u Baxx u kor tat-tfal, bniet u subien. Il-gazzetta *Malta Tagħna* tat-13 ta' Awwissu tal-1901 kienet irrapurtat li, l-Innu l-Kbir tant intlaqa' b'applawsi kbar mill-folla preżenti li, biex jikkuntentaha, Mro. Miruzzi kellu jirreplikah! Wara t-tieni eżekuzzjoni, il-bandist Ġanni Sciberras kien irregala lil Miruzzi taljakarti u kartiera tal-fidda għan-nom tal-bandisti kollha. Sa qabel il-Gwerra, l-Innu kien għadu jitkanta bit-Taljan fuq versi tal-Kunsillier Antonio (Ninu) Dalli (6.xii.1864 - 22.ii.1948). Fl-1945 imbagħad, Dun Frans Camilleri (29.i.1919-6.xii.1990) qelbu għall-ilsien Malti, u xi snin wara beda jitkanta minn kor adult taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia (5.xii.1921 – 2.vii.2001).

Hawn taħt hija silta mill-għanja tat-tfal - għanja sempliċi u ferriħija, u li għandha ritmu xi ftit jew wisq marzjali. Fit-tieni parti tagħha tiġi akkumpanjata minn sett qniepen u t-trepied:




U din hija parti mit-tema prinċipali li, fil-final tifforma l-passaġġ ta' qabel il-koda. Fiha jieħu sehem kulħadd - Tenur, Baxx, kor tat-tfal, u l-banda sħiħa, bil-qniepen u l-gong b'kollox:




Soċjetà Mużikali Każin Banda 'San Pio X' ta' Ħal Lija: Innu Solenni lil Ġesù Salvatur:

Dwar dan l-innu ma stajniex inkunu nafu meta nkiteb. Dan għaliex, il-każin kien iġġarraf fi żmien il-Gwerra u miegħu nqered l-arkivju u dokumenti importanti fost affarijiet oħra bħalma kien ġara fil-każ ta' każini tal-banda tal-Isla u ta' Ħal Luqa. Il-mużika li l-banda Lijana għandha ta'dan l-innu hi biss kopja ta' partitura li mhix dik oriġinali għax il-versi huma bil-Malti. Infatti, kien Monsinjur Ġużepp Xerri (traduttur ta' bosta xogħlijiet ta' xeħta sagra) li aktarx qelibhom mit-Taljan għall-Malti. L-Innu Solenni m'għandux forma partikolari. Minflok, għandu għadd ta' taqsimiet li wieħed faċilment jista'




jidentifikahom permezz tas-sinjali ta' waqt il-provi li jikkorrispondu mal-ewwel sbatax-il ittra tal-alfabet Ingliż. Dawn huma mqiegħdin hemm bi ħsieb biex iservu ta' riferiment għall-varji fażijiet fil-formazzjoni tiegħu. Mro. Miruzzi kien dam għoxrin sena ma' din il-banda u żgur li kien ħallielha ħafna mużika minn tiegħu fl-arkivju tagħha.

L-eżempju t'hawn taħt hi parti mill-melodija tat-tema ewlenija li titkanta minn kor tat-tfal, bniet u subien:



U dawn huma biss l-ewwel erba' battuti mid-dwett fejn il-vuċi tat-Tenur issib l-eku tagħha fil-vuċi tal-baxx, b'tali mod li, jiġu jinstemgħu qishom qedin jiġru wara xulxin:




Il-banda Lijana għandha wkoll xogħol ieħor minn tiegħu bl-isem ta' *Inno Marcia San Pio X*, jew kif inhu forsi magħruf aħjar, l-Innu lis-Salvatur.

Żewġ innijiet oħra minn ta' Mro. Miruzzi li għadhom jindaqqu sallum huma, l-Innu-marċ lil Santa Marija tal-Għaqda Mużikali 'Santa Marija' ta' Ħal Għaxaq, u l-Innu tal-Banda 'Sant' Andrija' ta' Ħal Luqa.




Dan tal-aħħar kien indaqq għall-ewwel darba f'programm li Mro. Miruzzi kien ta mal-banda Luqija wara li din ġiet riformata fi tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija. Biex din il-bidla setgħet isseħħ, Mro. Miruzzi kellu l-għajnuna ta' żewġ soċji membri mużiċisti tas-Soċjetà fuq msemmija, Salvatore Azzopardi u Vincenzo Caruana Spiteri (1897 – 1950). L-istess ġara fil-każ tas-Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' ta' Ħal Lija. Meta Mro. Miruzzi laħaq surmast tagħha fl-1906 kellu l-inkarigu li jittrasforma s-*Soċjetà Mandolinistika 'Fior d'Arancio'* f'banda. Hawn ukoll, huwa kellu l-għajnuna tal-ewwel surmast, F.S. Pizzuto.

Dwar l-innu tal-Banda 'Sant' Andrija' jingħad li, Mro. Miruzzi kien daħal bih għall-kompetizzjoni biex jintgħażel innu għall-okkażjoni tal-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1921 – liema konkors kien baqa' bla riżultat. Ta' min jgħid li, dan il-konkors kien sar fost l-aqwa kompożituri Maltin ta' dik l-epoka.

Ħafna aktar tard imbagħad, dan l-istess innu tal-banda kien indaqq fuq versi ta' Dun Frans Camilleri (29.i.1919-6.xii.1990). L-innu tkanta mill-Kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia (5.xii.1921 – 2.vii.2001) waqt programm speċjali fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni ta' planċier ġdid nhar l-

20 ta' Settembru 1959. Dakinhar kien ġie ċċelebrat anniversarju doppju peress li, l-inawgurazzjoni tal-planċier kienet tikkoinċidi mal-ġublew tal-fidda ta' Mro. Anton Muscat Azzopardi (23.viii.1903 – 8.xii.1979) bħala surmast-direttur tal-Banda.




Mal-lista ta' innijiet mill-pinna ta' Mro. Miruzzi nixtieq inżid ukoll il-marċi funebri li minnhom jingħad li kiteb madwar erbatax-il wieħed. Tista' tgħid li, m'hawnx banda Maltija li m'għandhiex xi wieħed, jew aktar, minnhom minn tiegħu. Mir-riċerka li għamilt s'issa jirriżulta li, hemm talanqas tnax-il wieħed li huma żgur tiegħu. Jirriżulta wkoll li, iż-żewġ marċi l-oħra bl-isem ta' *Amaritudine* u *Sulla Tomba di Elvira* m'humiex tiegħu. Iżda, dan ma jfissirx li ma jeżistux aktar marċi funebri ta' Mro. Miruzzi. L-istorjogarfu Għawdxi Anton Grazio Grech[5] isemmi li, fl-arkivju tal-banda 'Leone' ta' Għawdex hemm wieħed li jġib l-isem ta' *Marcia Funebre* ddatat 7 ta' Marzu 1894. Fit-tabella t'hawn taħt niżżilt l-isem tat-tnax-il marċ funebri li qedin nitkellmu fuqhom. Ħdejn kull wieħed immarkajt b'sinjal dawk il-baned, jiġifieri, 'San Ġużepp' (Ħamrun), 'Sant' Andrija' (Luqa), u Nicolò Isouard' (Mosta), li għandhom minnu. Lil-banda 'Beland' (Żejtun) ma nkludejtiex għas-sempliċi raġuni li, il-lista ta' marċi funebri għadha ma waslitlix. Madankollu, nafu li, dawn kienu ġew irregalati lil banda Żejtunija minn Mro. Miruzzi flimkien ma' ħafna kompożizzjonijiet oħra minn tiegħu:



| | Isem | Ħamrun | Luqa | Mosta | | Isem | Ħamrun | Luqa | Mosta |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |
| 01 | *Cordoglio* | ✓ | ✓ | ✓ | 07 | *Rimpianto* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 02 | *Sconforto* | | ✓ | ✓ | 08 | *Giorno di Pianto* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 03 | *Remembranze* | ✓ | ✓ | ✓ | 09 | *Lagrime* | ✓ | | ✓ |
| 04 | *Cadavere* | | ✓ | ✓ | 10 | *Ai Miei Cari* | | ✓ | ✓ |
| 05 | *Una Lacrima* | ✓ | ✓ | ✓ | 11 | *Venerdì Santo* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 06 | *Triste Pensieri* | | ✓ | ✓ | 12 | *Tristezza* | ✓ | | |

Għeluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Naxxarin għal tliet raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Bambina li qed tiġi ċċelebrata ġewwa n-Naxxar; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[5] 14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin.